# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 26 ta' Settembru 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Fil-ħamsa u nofs [5.30pm] wasal is-sur Omar Schembri [Head Kowċ tan-Nursery] wara talba mill-Kunsill biex jattendi l-laqgħa. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa u l-kunsilliera, flimkien mas-sur Schembri, bdew jiddiskutu dwar in-nursery.**

3.1 Is-sur Schembri wera d-dizappunt tiegħu lejn il-Kunsill illi wara tmien snin ġie mitlub

a) biex jispjega r-raġunijiet għalfejn bagħat karta lil familji ta' dawk it-tfal li twieldu f'2001, u li kienu parti min-nursery is-sena l-oħra, biex jgħid illi n-nursery ma jistax jilqa' s-sena tat-twellid tagħhom

b) biex jispjega l-pagi tal-kowċes illi baqgħu l-istess avolja hemm nuqqas ta' tfal.

Is-sur Schembri qal illi qabel ma beda jaħdem hawn, kienu jsiru 'sessions' biss u ma kienx hemm nursery, u l-kowċes kienu jieħdu LM5 kull session. Qal illi l-pagi tal-kowċes baqgħu l-istess minn dak iż-żmien. Qal illi f'dawn l-aħħar snin it-training kien isir għal siegħa u nofs [it-Tnejn u l-Ħamis] u sagħtejn [it-Tlieta u l-Ġimgħa]. Qal ukoll illi s-Sibt filgħodu kien ikun hemm żewġ kowċes, kif ukoll imorru żewġ kowċes għal logħob li jintlagħab il-Ħdud.

Is-sur Schembri qal ukoll illi f'dawn l-aħħar snin, daħħalna n-nursery fil- Youth F.A u dejjem kienu konsistenti. Fil-fatt in-Nursery qatt ma kellu jħallas multi. Żied il-fatt illi kien hemm tlett itfal biss illi kienu jidħlu fl-U13 waqt illi l-Kunsill kien qabel mal-informazzjoni li kien hemm fuq il-karta li ta għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Fuq il-karta ma kienx hemm miktub data u ħin għat-tfal illi twieldu f'2001. Qal illi jekk ma jkunx hemm mill-inqas 25 tfal, u grawnd għall-11-a-side, mhux possibli li jsir tim tal-U13 u n-nursery ikollu jħallas multa kull darba li ma jifurmax tim għal logħob. Għal dawn ir-raġunijiet spjega li ma qabilx illi jkolna U13. Is-sur Schembri qal ukoll illi fis-snin ta' qabel il-Kunsill qatt ma kellu problemi bil-mod li mexa n-nursery, u issa ġie mitlub jekk hux se jkompli jaħdem. Fl-aħħar qal illi jekk kien hemm problema ma kowċ fis-Summer League 2012, il-problemi kellhom jieqfu hemm u m'għandhomx jaffetwaw in-nursery matul is-sena.
Rigward il-problema mal-kowċ fis-Summer League, is-Sindku qal illi dan għamel ħażin fil-ħin liberu tiegħu u x-xogħol tajjeb illi għamel dan il-kowċ f'dawn l-aħħar snin man-nursery mhux se jkun mitluf fuq dan l-episodju. Qal ukoll illi l-Kunsill kien diġa ħa din id-deċiżjoni u b'hekk qabel mal-punt tas-sur Schembri. Rigward diskors li ntqal rigward il-futur tal-Head kowċ, is-Sindku talab lis-sur Schembri biex jispjega jekk qara din l-informazzjoni fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Is-sur Schembri qal illi le u b'hekk is-Sindku qal illi l-Kunsill qatt ma ħareġ dan l-informazzjoni.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla talab spjegazzjoni mis-sur Schembri dwar ir-raġunijiet għalfejn hu daħal dispjaċut fejn fil-passat dejjem deher ferħan. Is-sur Schembri qal li issa bdew jinħolqu ħafna mistoqsijiet fuqhu, waqt illi sema ħafna rimarki fuqu minn individwu/individwi mill-Kunsill stess.

3.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ma qabilx mal-ittra li mhux se jsir l-U13. Qal ukoll illi għandna nagħtu s-support kollu biex inħeġġu t-tfal biex jidħlu fin-nursery. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna nħarsu lejn problemi eżistenti għal kull tim fin-Nursery, u mhux biss dwar kif għandna noħolqu tim ta' U13. Il-Head Kowċ qal illi jiddispjaċih illi naqsu t-tfal iżda spjega li bil-kompetizzjoni li hemm minn rħula madwarna li issa għandhom grawnds tajbin u timijiet fl-MFA, dan kien se jsir. Il-kunsillier Carlo Stivala jemmen illi kellna nagħmlu promozzjoni aħjar għal U13. Is-sur Schembri reġa qal ir-

raġunijiet għalfejn ma setax jilqa dan it-tim, waqt illi żied illi U13 għandhom bżonn zewġ kits, 'home' u 'away', u għalhekk ikun hemm iżjed spejjez lejn il-Kunsill.

3.4 Il-Viċi Sindku qabel illi tfal qegħdin jonqsu għal diversi raġunijiet. Fl-istess ħin innota li din is-sena anqas irċieva karta rigward l-applikazzjonijiet. Fl-istess ħin il-kunsillier Carlo Stivala ħareġ flyers li rċieva mingħand nurseries oħrajn u qal illi għandna nagħmlu l-istess tip ta' promozzjoni għal tagħna. Is-sur Omar Schembri qal illi jaċċetta l-feedback u naraw li fil-futur nieħdu ħsieb dawn l-affarijiet, iżda qal illi kellu jisma dawn is-suġġerimenti qabel. Qal ukoll illi dawn qatt ma saru qabel.

3.5 Is-Sindku staqsa jekk lejn l-aħħar tal-istaġun jiżdiedu jew jonqsu l-ammont ta' tfal. Il-kowċ qal illi jidħlu izjed tfal meta jgħaddi ż-żmien.

3.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hu jagħti l-'backing' kollu tiegħu lejn is-sur Schembri għax ra b'għajnejħ ix-xogħol pożittiv illi għamel matul dawn l-aħħar snin. Qal illi l-paroli ħsara biss jista jagħmel lin-nursery u qal illi jiddispjaċih illi xi ħadd qed jipprova jagħmel ħsara lin-nursery. Il-kunsillier Publius Abdilla u s-Sindku Francis Callus qablu li dejjem sabu l-għajnuna tal-kowċ u għandhom fiduċja fih. Is-Sindku qal ukoll illi hu lest jinvestiga dwar il-gidba li persuna qed jgħid li l-Kunsill jixtieq jeħles mis-servizzi tal-kowċ. Il-Viċi Sindku qal illi ħadd m'oġġezzjona bil-mod kif is-sur Schembri jagħmel xogħolu.

3.7 Il-kowċ Omar Schembri talab ittra mill-Kunsill, fejn il-Kunsill għandu jgħidlu grazzi għax-xogħol illi għamel fil-passat iżda li l-Kunsill lest biex juża servizzi ta' persuna differenti. jew ittra fejn il-kunsilliera għandhom jaffermaw il-fiduċja fih. Reġa qal illi hu kburi li n-nursery qatt ma ħa multa u ma dan il-punt irringrazzja l-Kunsill għal ħin tagħhom. Il-kunsilliera rringrazzjaw is-sur Schembri għal ħin tiegħu, kif ukoll għas-servizz tiegħu u s-Sindku, mill-ġdid, iddikjara x-xewqa tiegħu li nkomplu naħdmu flimkien. Ma dan is-sur Schembri reġa rringrazzja l-Kunsill u ħareġ mill-kamra tas-seduti fis-6.20pm. Tkompliet il-laqgħa.

3.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal li hu responsabbli għall-isport. Qal illi hu għandu l-esperjenza fejn jidħol l-isport. Qal illi s'issa kull ma rċieva invit wieħed biss mill-nursery u jħoss illi m'hemmx wisq 'propaganda'. Qal ukoll illi wieħed mill-kowċes, waqt is-Summer League attakka lilu verbalment u dan ma jistax jaċċetta. Qal li aħna għandna nkunu nfurmati fuq dak kollu li jsir fin-nursery. Fuq dan il-punt is-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qalu li dejjem kien hemm korrespondenza bejnietna. Il-kunsillier Stivala ma qabilx ukoll illi ma nistgħux nikkejterjaw għal U13. Qal ukoll illi jaf biċ-ċert li dan il-kowċ jiġi

mħallas iżjed minn oħrajn f'Malta u għalhekk iħoss illi għal dan il-flus għandu jieħu naqra izjed responsabilta biex jippromwovi n-Nursery.

3.9 Il-kunsilliera qablu unaniment li l-kowċ għandu jibqa u qablu li qed jagħmel xogħol tajjeb.

## 4. Punti mill-Minuti

4.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-bejt miexi sew. [ref: punt nru. 3.1]

4.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għadu jrid jitkellem mal-MaltaPost rigward l-użu tal-van tagħhom bħala sub-post station.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu u s-Sindku ltaqgħu mal-kuntrattur tal-knis. Dan ċaħad l-istorja li l-kennies jitlaq mir-raħal għal Hal Balzan nhar t'Erbgħa [ref: punt nru. 3.3]. Is-Sindku qal illi ġabu l-magna lura, u qal li lmenta mal-kuntrattur rigward in-nuqqas ta ħaddiema meta ma kienx hemm il-magna. Is-Sindku qal li lmenta wkoll fuq l-episodji meta l-kennies qalu biex jistenna biex isir ċertu xogħol.

4.4 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk inxtraw il-qsari [ref punt nru 3.4]. Is-Sindku qal illi hu sejjer għalihom dalwaqt.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Bring In Sites illi jintużaw l-iżjed [ref punt nru 3.6] huma

1- ta' triq il-Kuċċard
2- ta' Qerd in-Naħal
3- ta' Stiefnu Erardi

B'hekk set minn dawk ta' Stiefnu Erardi sejrin triq il-Kuċċard. Il-Viċi Sindku qal illi jekk ma jintużawx u hemm abbuz f'dawn il-BIS għandhom. Jekk jintuzaw inħaluhom. Is-Sindku qal illi b'dan il-pass se nifrankaw ix-xirja ta' CCTV camera.

4.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi r-riklami tal-isponsors [ref punt nru 3.7] m'għandhomx ikunu riklami politiċi jew favur ix-xorb/tipjip. Is-Sindku qal illi jekk hemm persuni involuti fil-politika illi

għandhom sponsors personali [per eżempju biex jireklamaw ħwienet], jekk jintużaw isimhom dawn ma jistgħux jiġu rriklamati.

4.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ippropona li għandna nużaw is-servizz tal-wardens għal nofs siegħa kuljum u aħna għandna ngħidulhom fejn għandhom imorru. Is-Sindku qal illi ltaqa ma 5 Sindki oħrajn li ma qablux ma dan is-servizz, fejn il-kunsilli għandhom jużaw is-servizz tal-wardens għal seba' sigħat kuljum. Is-Sindku qal illi sema b'email indirizat lil Tony Borg Caruana mis-Sindku preċedenti fejn intqal illi l-Kunsill jixtieq juża s-servizz tal-wardens għal dawk is-sebgħa sigħat kuljum. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ċaħħad bil-qawwi dan l-informazzjoni u qal illi kien staqsa biss għal erbgħa sigħat fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel illi naraw l-ammont ta' sigħat illi kelna mal-iSterling u nħallsu biss għal dak l-ammont ta' sigħat.

4.8 Is-Sindku nforma li se nagħtu postijiet ta' parkeġġ lil dawk illi sejrin għall-attivita ta' Safi Aviation Park fis-7 t'Ottubru [ref punt nru 4.1], f'triq il-Kuċċard. Dwar l-attivitajiet li se jsiru għall-għajnuna ta' tifel marid sew, is-Sindku qal illi se jkun hemm logħob tal-football, attivita b'talenti nazzjonali, eċċ. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa fejn se jidħol il-Kunsill f'dawn l-attivitajiet. Is-Sindku qal illi l-Kunsill qed jikkollabora biss u mhux se jipparteċċipa fit-tmexxija tal-attivitajiet. Qal ukoll illi l-Ħadd 7 t'Ottubru se jkun hemm 'show' tal-karozzi, u dan biss se jkun attivita organizzata mill-Kunsill.

4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jkollna nhallsu l-kont lil Polidano Brothers [ref punt nru 4.2]. Is-Sindku qal ili talab kwotazzjoni għax-xogħol tal-patching f'diversi partijiet tar-raħal. Il-Kunsill ma rċieva l-ebda kwotazzjoni iżda s-Sindku qal illi qalulu li se tiswa €4000. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għal xejn nħalsu dak l-ammont ta' flus meta xogħol għadu rrid isir minn naħa ta' Transport Malta fl-istess triq. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx illi nħalsu għalissa. Wara talba mis-Sindku, il-Kunsill qabel illi nfittxu 3 kwotazzjonijiet għal patching, u x-xogħol isir wara.

4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill applika għall-Kunsill Lokali taż-Żagħzagħ

4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se nkolna jħallsu €1,046.80 għal korsijiet tal-Lifelong Learning [Spanjol u Taljan] jekk isiru fis-Sala tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal illi d-Direttur tal-LifeLong Learning qal illi sa l-ewwel €4000 huma b'xejn [il-Kunsill kien se juża €2236.80] u b'hekk kisru l-ftehim. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara kemm hemm min irid iħallas għal kors, biex naraw jekk il-kunsill se jkun breakeven jew le [kull persuna mingħajr kartanzjan għandu jħallas €34.94]

4.12 Is-Sindku qal illi għandu jmur jixtri l-welding u l-grinder [ref punt nru. 10.1]

4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ordna l-kompjuter l-ġdid minn Ctronics [ref punt nru 10.2]

4.14 Is-Sindku qal illi t-trainee tal-ETC bdiet taħdem il-Kunsill [ref punt nru 10.3]

4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi, flimkien mas-Sindku, ltaqa mal-Perit li ġie magħżul mill-Kunsill. Meta jiskadi z-zmien fejn tenderers oħrajn jistgħu jappellaw, se joħroġ il-kuntratt għalih [ref punt nru. 10.4]

4.16 Is-Sindku qal illi għadu jrid jikkontatja lil ħaddiem biex jaqta l-ħaxix [ref punt nru. 10.5].

**5. Korrespondenza**

5.1 Il-Kunsill irċieva talba mill-Assistant Principle tal-Kulleġġ San Benedittu fejn talbet għall-użu tal-librerija darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Il-ħaddiema li tieħu ħsieb il-librerija għanda tara meta tista tiftaħ għal siegħa fil-ġimgħa.

5.2 Il-Kunsill irċieva 'full development permission' għax-xogħolijiet biex isiru fix-xelter tal-pjazza. Is-Sindku qal illi l-lift [għax-xelter] isir biss jekk nirċievu fondi. Wara mistoqsija mill-Viċi Sindku, is-Sindku qal illi x-xelters jistgħu jinfetħu għal pubblika wara li jsir it-tindif, nagħmlu dawl meħtieġ u niftħu bokka ohra. Is-Sindku qal ukoll illi waqt laqgħa mal-MEPA l-istess intqal għal ġnien fejn se jinbena ċ-Child Care Centre, izda se nkolna niċċaqalqu xi siġar minn hemm.

5.3 Il-podoloġista talbet illi tagħti s-servizz tagħha fil-kamra ż-żgħira fejn is-sala minflok fil-kamra t'isfel fejn il-waiting room. Talbet ukoll għax-xirja ta' divider, standing fan u neon tube. Is-Sindku qal li hu lest jixtri bozza speċifika u mhux neon tube, waqt illi ġie ssuġġerit illi nixtru purtiera minflok divider [jiswew madwar €450].

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ kwotazzjoni minn JD supplies għax-xogħol illi għandu jsir fil-lift. Dan se jiswa €407.10. Il-kunsilliera qablu li noħorġu kuntratt fuq il-lifts mill-ewwel.

5.5 It-tim ta Xarabank qalu li se jibdew jitellgħu siltiet dwar lokalitajiet. Huma talbu li l-Kunsill jagħtu numru ta' persuni li jixtiequ jattendu l-programm partikulari li se jintwera fuq Ħal Safi, u t-tim ta Xarabank jiġu sar-raħal biex jieħdu filmati. Il-Kunsill se jkollu jħallas għat-trasport ta' dawk li jixtiequ jattendu s-serata. Kien hemm qbil mill-kunsilliera li dan isir.

**6. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

6.1 Il-kunsilliera qablu mal-kontijiet fil-Payment Approval Sheet.

**7. Petizzjoni**

7.1 Saret petizzjoni biex jitneħħa l-istaġe t'Arriva 'Ħajt', f'triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal illi l-maġġoranza ta' dawk illi ffirmaw jgħixu f'partijiet oħra tar-raħal, jew ġo rħula differenti. Il-Viċi Sindku qal illi vera qed tinħoloq inkonvenjenza bl-istage. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel mas-suġġeriment tal-kunsillier Carlo Stivala fil-laqgħa preċedenti biex ikun hemm rotta oħra li tgħaddi minn triq il-Ħajt Ruman u nagħmlu l-istage hemm, jew inkella jsir bus shelter fejn is-sorijiet. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mas-suġġeriment ta' triq il-Ħajt Ruman. Is-Sindku qal illi dan huwa kapitlu magħluq. Qal illi hu mhux se jieħu azzjoni meta

a) ma sarx azzjoni mill-leġislatura preċedenti
b) għandu petizzjoni ffirmata minn izjed nies fejn ġie mitlub illi jkun hemm dak l-istage li qed toħloq problemi issa
c) il-petizzjoni għanda 27 firem biss [17 mit-triq], il-maġġoranza anqas jiġu affetwati bl-istage u hemm wieħed underage li ffirma wkoll, u għal dawn ir-raġunijiet il-petizzjoni ma tgħoddx

Is-Sindku qal illi għanda tibqa hemm, imma naraw mal-Arriva jekk jista jsir stage fi Triq Barcellona. Qal ukoll illi jekk inċaqalqu l-istage, ikolna nisimgħu l-ħsibijiet ta' dawk li ffirmaw il-petizzjoni biex l-istage tibqa fejn hi fil-passat. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerrixxa li nerġgħu nidiskutu dan it-topic f'laqgħa oħra. Is-Sindku qal illi se jibqa sod fuq il-pożiżjoni tiegħu fuq dan il-punt. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm min għandu pika mal-persuna li qegħda tiġi affetwata bl-ammont ta' nies li qegħdin jużaw l-istage. Il-kunsilliera kollha qablu li l-petizzjoni mhix effettiva.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nħarsu lejn l-bqija tar-raħal ukoll u mhux biss bejn dawk ir-residenti ta' Żurrieq Road. Għalhekk ippropona li nagħmlu rotta itwal ġor-raħal.

**8. Arriva**

8.1 Dan id-diskors sar f'punt numru 6.1 u 6.2. Il-Kunsill se jara m'Arriva dwar il-possibilita li ntawlu r-rotta.

**9. LifeLong Learning u drama**

9.1 Id-diskors dwar il-LifeLong Learning sar f'punt nru. 3.11

9.2 Il-Kunsill għadu qed jara kemm hemm tfal li huma nteressati fil-kors tad-Drama li jixtieq joffri l-Kunsill.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Il-Viċi Sindku ppropona li nduru mar-raħal biex naraw liema siġar għandhom bzonn jiġu miżbura. Qal li hemm waħda triq l-Ibraġġ. Il-Kunsill qabel li nirċievu kwotazzjonijiet għaż-żbir tas-siġar.

10.2 Il-Viċi Sindku qal li l-istop signs fejn ir-roundabout ta' triq San Pawl mhumiex f'post tajjeb u ma jidhrux. Qal illi għandhom ikunu ċari. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol sar mill-Koptasin u l-Kunsill ma jistax ineħħihom.

10.3 Il-Viċi Sindku talab spjegazzjoni l-għala għalaqna l-pompa tal-ilma fil-Misraħ. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn ta washer ġdid. Hu qal li tfal kienu jagħtu daqqiet lil pompa u b'hekk għamlu ħsara l-washer.

10.4 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk nistgħu nagħmlu bins għal ħmieġ tal-klieb fit-triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat. Is-Sindku qal illi nistgħu nagħmlu dustbins antiki minflok. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk nistgħu nagħmlu bin fejn l-istage ta triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi dan ma jistax isir għax in-nies igergru minħabba r-riħa u li n-nies jabbuzzaw bihom.

10.5 Kunsillier qal illi qed ikun hemm iżjed problemi ma dak li għandu garaxx f'triq San Tumas biex iżomm oġġetti perikulużi. Qal illi ma jistax jemmen illi l-pulizija marru hemm 5 darbiet u qatt ma sabuħ bħal ma qalu li ġarra għax kuljum ikun hemm xi ħadd preżenti bejn it-8am u s-2pm.

10.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għadu inkwetat fuq is-sitwazzjoni bil-ġnien ta' T'Amparell. Is-Sindku qal illi sa ġimgħa wara l-laqgħa x-xogħol għandu jkun lest.

10.7 Il-kunsullier Publius Abdilla qal li ghandu SMS li jghid li s-Sindku tkellem ma Joseph Mifsud is-sagristan, u meta dan ta l'ahhar staqsieh ghaliex ma tahx id-donazzjoni li hu (Mifsud) kien talbu
biex jirristawra xi gandlieri tal-Knisja, is-Sindku irrispondieh li ma setax japprova dan għax il-kunsilliera tal PN u Carlo Stivala m'approvawx. Is-Sinku ċaħad dan kollu. Is-Sindku qal li għand javvicina lil Mifsud u jkellmu.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fl-10 ta' Ottubru 2012.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard